**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 37 – 7 ta' Ottubru 2010**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija u saret Agenda 37.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Dominic Cutajar | Viċi Sindku |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Rosario Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Hadd | |
| Assenti: | Hadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Ma kien hemm l-ebda rapprezentant tal-pubbliku prezenti.

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega lill-Kunsilliera li kien hemm tlett settijiet ta' minuti sabiex jigu approvati.

1.2. Il-Kunsillier George Cortis gibed l-attenzjoni li fil-minuti kellha tizdied stqarrija tieghu fejn huwa qal li hu jahdem ghal gid tar-rahal u mhux biex ghal xi kuntrattur.

1.3. Il-Vici Sindku Dominic Cutajar ghamel referenza ghal minuti fejn il-Kunsillier George Cortis kien irrifera ghalih dwar rapport fuq ilma hiereg.

Il-Vici Sindku spjega li ma kienx veru li kienu ghaddew hmistax u hu ma kienx irraporta. Is-Sindku Alfred Grixti qal li dan il-kaz kien juri l-importanza li l-Kunsilliera jressqu r-rapporti tar-residenti mal-ewwel u mhux jistennew sal-laqgha tal-Kunsill.

1.4. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Agenda 36 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Rosario Cortis. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

.

Il-Minuti ta' Agenda 36 gew approvati. (62).

## 2. HWEJJEG LI JOHORGU MILL-MINUTI

2.1.1 Il-Kunsillier Rosario Cortis ghamel referenza ghal pagna 239 tal-minuti, punt 7.9 rigward l-item dwar il-project manager u talab li jittiehed vot dwar is-suggett la l-Kunsillier George Cortis kien talab li jittiehed vot fil-laqgha ta' wara. Il-Kunsillier Rosario Cortis qal li l-argument gie ezawrit u wasal il-hin li jittiehed vot.

2.1.2 Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li huwa kien jaqbel mal-kunsillier Rosario Cortis u ghalhekk kien qieghed iressaq mozzjoni sabiex tinhareg vacancy ghar-rwol ta' Project Manager in vista tal-progetti tat-toroq skond il-proceduri li titlob il-ligi permezz tal-ETC u fl-ewwel istanza jkun kuntratt ghal perijodu definit. Huwa gie sekondat mill-Vici Sindku Dominic Cutajar.

2.1.3 Il-Kunsillier Philip Said ikkummenta li ghal bidu kien favur dwar din il-vakanza izda wara li rega evalwa s-sitwazzjoni jista jkun li l-Kunsill ghandu prijoritajiet ohrajn.

2.1.4 Ittiehed vot dwar il-mozzjoni tas-Sindku;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Joe Ciantar, Rosario Cortis.

**Dawk Kontra;** Il-Kunsilliera Mario Borg, Emanuel Agius, George Cortis u Philip Said.

**Astensjonijiet;** Hadd

.

Il-mozzjoni giet approvata. (63).

2.2.1. Il-Kunsillier Emanuel Agius ghamel referenza ghall-progett ta' Triq il-Buskett u talab li jkun jaf kienitx saret il-laqgha mal-ministri kkoncernati. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li l-laqgha kienet se ssir dwar il-PPP u bhalissa kollox kien wieqaf minhabba r-rizenja tal-Onor Chris Said.

2.2.2. Il-Kunsillier Mario Borg ikkummenta li kien hemm il-bzonn li l-Kunsill jaghmel il-pressjoni tieghu sabiex jigu approvati wkoll it-tieni sett ta' toroq li kien applika ghalihom taht il-PPP. Il-Kunsillier Borg fakkar fl-istat dizastruz taz-zona tal-Grazzja u spjega li hafna residenti kienu javvicinawh jilmentaw fuq hekk.

2.2.3. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li huwa kien jaqbel mall-Kunsillier Mario Borg u l-isfida tieghu kienet li fis-sentejn li gejjin il-Kunsill ilesti l-40 triq ippjanata, Vjal il-Helsien, Triq il-Buskett u jibda l-progett tal-premises il-godda.

2.2.4. Il-Kunsillier Mario Borg ikkummenta li l-kunsilliera qeghdin hemm ghaz-Zebbugin u li l-vot iz-Zebbugin lilhom tawh sabiex jirraprezentawhom. Huwa kompla jghid li l-PPP kien jinkludi tqaxxir u resurfacing allura ma kienx hemm bzonn ebda bdil ta' mains.

2.2.5. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li r-residenti taz-zona tal-Grazzja kienu mugugha hafna.

2.2.6. Kien hemm qbil unanimu sabiex il-Kunsill jaghmel il-pressjoni tieghu sabiex jigu approvati wkoll it-toroq tat-tieni sett tal-PPP.

2.3. Il-Kunsillier Mario Borg ghamel referenza ghal punt 9.9 tal-minuti u xtaq ikun jaf b' liema kriterju giet maghzula z-zona msemmija peress li ma kienx prezenti ghal-laqgha. Saret diskussjoni dwar dan is-suggett u s-Sindku Alfred Grixti ssuggerixxa li tigi sospiza l-azzjoni dwar t-timed parking fiz-zona msemmija sakemm il-kunsilliera Rosario Cortis u Emanuel Agius jaghmlu ezercizzju fejn jidentifikaw l-ahjar spazzji ta' parkegg sabiex fihom isir parkegg bil-hin u wara jressqu rizoluzzjoni specjali dawn dan.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li rcieva talba minghand Michael Debono Ltd. fejn dawn urew ix-xewqa taghhom li jsir monument lil Mikiel Debono li kien il-fundatur tal-kumpanija, fuq ir-roundabout ta' quddiem is-showroom taghhom. Is-Sindku spjega li din ir-roundabout ma kienitx taqa' taht ir-responsabilta tal-Kunsill.

3.2. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li ghalkemm kien habib tieghu huwa xorta ma kienx jaqbel li jsir monument ghax inkella jista jinholoq precedent perikoluz ghal kumpaniji ohrajn.

3.3. Il-Kunsillier Philip Said ressaq suggeriment li tigi proposta li tinholoq borza ta' studju f' isem Mikiel Debono u tkun immaniggjata mill-Kunsill. Kien hemm qbil dwar din il-proposta.

3.4. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li l-komunikazzjoni maz-Zebbug Rangers dwar il-progett ta' Gnien l-Infetti tkompliet u jidher li hemm rieda tajba minn naha taghhom. Ghalhekk kien qieghed jissugerixxi li jsir sottokumitat li jahdem fuq dan il-progett. Huwa ssuggerixxa li dan is-sottokumitat ikun maghmul minnu bhala Sindku, l-Vici Sindku Domenic Cutajar, u l-Kunsilliera Mario Borg, Duncan Bartolo u Emanuel Agius. Kien hemm qbil dwar dan.

## 4. VOT TA' FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq quddiem il-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti.

| **Proposta ta' Vot ta' flus sabiex jigi approvat skond Agenda Nru 37** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **Lil Min** | **Invoice No** | **Invoice Date** | **Ammont / €** | **Servizz** |
| | | | | |
| Marvic & Sons | 35/2010 | 30/09/10 | 7,667.53 | Gbir ta' Skart Settembru 2010 |
| Xuereb Bros | 9 302 671 | 30/09/10 | 3,688.17 | Knis Settembru 2010 |
| Roccu Mifsud | 56 | 28/09/10 | 886.66 | Public Conveniences Settembru 2010 |
| Wilson Mifsud | n/a | 28/09/10 | 1,504.16 | Tindif Soft Areas Settembru 2010 |
| Philip Seguna | n/a | 26/09/10 | 1,908.32 | Tindif Non Urban Settembru 2010 |
| Raymonda Calleja | various | various | 9,095.00 | Xoghol ta' Patching |
| MicaMed Ltd | 467 - 41 | various | 1,697.69 | Streetlighting maintenance |
| Best Print | 6966 | 13/09/10 | 1,648.50 | Fuljett Harga 3 |
| | | | | |
| **Total Skeda A** | | | **28,096.03** | |
| | | | | |
| **Skeda B - Hlasijiet ohra** | | | | |
| | | | | |
| APS Consult | n/a | 20/09/10 | 944.00 | 1st & 2nd installments application for funds |
| UniKing | C1810 | 08/06/10 | 827.00 | Mirrors |
| Rita Zahra | n/a | various | 249.92 | Overtime school caretaker etfal courses |
| Raymond Aquilina | n/a | various | 238.21 | Overtime school caretaker etfal courses |
| IPSLtd | 2651 | 26/08/10 | 558.45 | Overtime Bernard Buhagiar |
| Thunder Beat Productions | 2010 / 0014 | 01/09/10 | 100.30 | Hiring of sound press conference |
| Sound Vision Print Ltd | 13011 | 31/08/10 | 132.04 | Advert tenders |
| Central Joint Committee | CJC301 | 31/08/10 | 4,087.06 | Tribunal services August 2010 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| La Barbone | 5 965 087 | 01/09/10 | 71.77 | Refreshments press conference |
| Guard & Warden | 2420 | 31/08/10 | 938.93 | Monitoring Misrah San Filep August 2010 |
| Guard & Warden | 2419 | 31/08/10 | 3,333.39 | Speed camera August 2010 |
| Kazin San Guzepp | 6656 | 20/05/10 | 250.00 | Hire of Billboard Pope visit |
| Ta' Xmun Ironmongery | various | various | 3,782.98 | Ironmongery items |
| Kumpanija Talent Zebbugi | 2 | 08/09/10 | 230.00 | Advert Nightfest |
| | | | | |
| **Total Skeda B** | | | **15,744.05** | |
| | | | | |
| **Total zewg skedi** | | | **43,840.08** | |

4.2. Il-Kunsillier Rosario Cortis ressaq mozzjoni sabiex il-pagamenti jigu approvati hekk kif prezentati. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Joe Ciantar. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

.

Il-pagament gew approvati. (64).

## 5. JUM HAZ-ZEBBUG

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li huwa kien tal-idea li ghal din l-okkazjoni ssir serata muziko-letterarja fejn jigu mnhedija l-attivitajiet relatati mal-anniversarju tal-50 sena mill-mewt ta’ Dun Karm Psaila. Is-Sindku kompla jghid li xtaq li jsir diskors tal-okkazjoni u ssuggerixxa lill-kunsillier Philip Said izda dan irrifjuta gentilment. Il-Kunsillier Rosario Cortis issuggerixxa li jkun il-kunsillier Joe Ciantar li jaghmel dan id-diskors bhala ex-membru tal-Kunsill Civiku li kien fakkar lil Dun Karm b’ diversi inizjattivi. Kien hemm qbil dwar dan.

5.2. il-Kunsillier Mario Borg offra li jipprezenta s-serata. Kien hemm qbil dwar dan.

5.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq lista ta’ persuni sabiex jigu nominate ghall-unur ta’ Gieh Haz-Zebbug, li tinkludi; l-Imhallef Oliver Gulia, l-Imhallef Philip Sciberras, s-sur Robert Gatt, Dr. Charmaine Demanuele, s-sur Nathan Lee Xuereb, u s-sur Pawlu Mifsud. Dawn in-nominazzjonijiet gew approvati.

5.4. Il-Kunsillier Philip Said informa lill-Kunsill bil-himda li kienet ghaddejja flimkien mal-Onor Dr. Peter Micallef u l-Health Promotion Unit dwar l-attivita li kellha ssir il-Hadd 31 ta' Ottubru.

5.5. Is-Sindku spjega li gie avvicinat mill-istess organizzaturi tal-festival tal-gruppi folkloristici li kien ilu jsir gewwa Haz-Zebbug ghal dawn l-ahhar sentejn u kien hemm l-opportunita li zzur Haz-Zebbug delegazzjoni ta' madwar 180 bandist li jdoqqu madwar il-pjazza il-Hadd 17 ta' Ottubru. IS-Sindku spjega li l-Kunsill kien se jiffinanzja biss it-trasport tad-delegazzjoni u xi refreshment zghir. Il-Kunsillier Rosario Cortis ressaq suggeriment sabiex din id-delegazzjoni tinghata r-refreshments fil-bars tal-kazini politici. Kien hemm qbil dwar dan.

## 6. POST GDID GHALL-UFFICJU TAL-KUNSILL

6.1. Il-Kunsillier Joe Ciantar ressaq din il-mozzjoni;

Billi l-ufficcji tal-Kunsill ghadhom sal-lum ferm inadegwati ghall-htigijiet tal-lum, u li minhabba f'hekk ir-residenti ghandhom inkonvenjent konsiderevoli, il-KLZ johrog minnufih avviz ta' tender biex jesplora l-possibilita' ta' premises godda possibilment qrib ic-centru jew vicin, u li jkunu b'hekk aktar accessibbli ghal kulhadd, bi spazji bizzejjed biex jinkorporaw l-ufficcji tas-Sindku, Vici-Sindku, Kunsilliera, staff klerikali, u facilitajiet ohra bhal day centre ghall-anzjani, librerija, sala ghall-laqghat tal-pubbliku, workshop, ecc biex nersqu lejn premises, jew Municipju, denji ta' pajjiz li qieghed fl-Unjoni Ewropeja.

6.2. Il-mozzjoni giet emendata sabiex taqra hekk;

Billi l-ufficcji tal-Kunsill ghadhom sal-lum ferm inadegwati ghall-htigijiet tal-lum, u li minhabba f'hekk ir-residenti ghandhom inkonvenjent konsiderevoli, il-KLZ johrog minnufih avviz ta' tender biex jesplora l-possibilita' ta' premises godda preferibilment qrib ic-centru jew vicin, u li jkunu b'hekk aktar accessibbli ghal kulhadd, bi spazji bizzejjed biex jinkorporaw l-ufficcji tas-Sindku, Vici-Sindku, Kunsilliera, Segretarju Ezekuttiv, staff klerikali, u facilitajiet ohra bhal day centre ghall-anzjani, librerija, sala ghall-laqghat tal-pubbliku, workshop, ecc biex nersqu lejn premises, jew Municipju, denji ta' pajjiz li qieghed fl-Unjoni Ewropeja.

6.3. Is-Sindku Alfred Grixti talab vot sabiex il-mozzjoni originali tigi emendata hekk kif suggerit. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Rosario Cortis. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

.

L-emenda giet approvata. (65).

6.4. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq ghall-vot il-mozzjoni pprezentata mill-Kunsillier Joe Ciantar hekk kif emendata. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar, George Cortis, Rosario Cortis u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

.

Il-mozzjoni giet approvata. (66).

## 7. TINDIF TAL-CULVERTS

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li hekk kif kien miftiehem fl-ahhar laqgha tal-Kunsill kienet inharget sejha ghal kwotazzjonijiet ghat-tindif tal-culverts madwar Haz-Zebbug. Dawn il-kwotazzjonijiet kienu nfethu mill-kunsilliera Joe Ciantar, Rosario Cortis u Philip Said, u dawn kien l-kwotazzjoni li rcieva l-kunsill;

| | |
|---|---|
| Philip Seguna | € 3,726.91 |
| Wilson Mifsud | € 1,800.00 |
| General Ecological Services Co. Ltd | € 5,865.00 |
| Lawrence Catania | € 4,031.00* |

* € 210 ghal kull darba li jintalab jerga jnaddaf il-culverts wara li jkunu tnaddfu l-ewwel darba.

7.2. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li kien tqajjmu xi dubbji fuq kundizzjoni tat-talba ghal-kwotazzjoni li ma kienitx cara. Din il-kundizzjoni kienet tghid li l-kuntrattur maghzul huwa responsabli mit-tindif tal-culverts ghal perijodu ta’ sena u mhux tindif ta’ darba biss. Is-Sindku spjega li wara li saru l-kuntatti necessarji mad-Dipartiment inghatat il-konferma li l-kundizzjoni msemmija kienet cara bizzejjed.

7.3. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li kien difficli li l-Kunsill jikkonferma li x-xoghol ikun sar effetivament. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li normalment il-kuntrattur kien jintalab javza meta jkun ha jaghmel ix-xoghol u kien jintbaghat haddiem sabiex jara li x-xoghol ikun qieghed isir.

7.4. Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghal mod kif intalbet il-kwotazzjoni fid-dokument u spjega li wara li ccekja rrizulta li normalment il-prezz jintalab per $m^2$.

7.5. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li jrid iqabbel il-prezzijiet ma tas-sena ta’ qabel ghax ma setax jifhem kif il-kuntrattur Wilson Mifsud rahhas daqshekk il-prezz mis-sena ta’ qabel. Wara li saru l-verifiki neccessarji rrizulta li l-kuntrattur Wilson Mifsud ma kienx tefa kwotazzjoni tieghu s-sena ta’ qabel.

7.6. Il-Kunsillier Joe Ciantar ikkummenta li l-prezz ta’ € 1,800 ma kienx wiehed ragjonevoli ghalih, filwaqt li l-kuntrattur Catania kien qieghed jitlob hlas extra. Il-Kunsillier Ciantar qal li l-ghazla ghalih kienet bejn l-kuntratturi l-ohra allura kien jiddeciedi li jaghti x-xoghol lill-kuntrattur Philip Seguna.

7.7. Il-Kunsillier Duncan Bartolo spjega li l-figura ta’ € 1,800 tista taghmel sens meta wiehed jikkunsidra li dan il-kuntrattur jista jassorbi l-ispejjez tieghu fuq numru ta’ kuntratti ohrajn li ghandu mal-istess kunsill u kunsilli ohrajn. Il-Kunsillier Bartolo spejga li minflok izomm il-haddiema fil-garaxx weqfin ma jaghmlu xejn u jhallashom xorta, jibghathom jaghmlu dan ix-xoghol.

7.8. Il-Kunsillier Rosario Cortis qal li ma jixtieqx jiehu decizjoni dakinhar ghax fl-opinjoni tieghu kien hemm dubju dwar dik il-kundizzjoni u certi kuntratturi setghu gew sgwidati.

7.9. Il-Kunsillier Joe Ciantar qal li l-kundizzjoni kienet carissima u l-Kunsill kellu l-fakulta li jnaddaf il-culverts issa u jerga jitlob li jitnaddfu f’ settembru u hekk jevita li johrog sejha ohra ghas-sena li gejja.

7.10. Il-Vici Sindku Domenic Cutajar qal li l-kuntratturi Wilson Mifsud, Philip Seguna u Lawrence Catania, it-tlieta li huma kienu ghamlu dan ix-xoghol fl-ahhar snin u t-tlieta taw servizz tajjeb. Huwa kompla jghid li mill-banda l-ohra hadd ma kien inehhi d-dritt lill-Kunsill li jiccertifika li x-xoghol ikun sar tajjeb u jekk le ma jhallasx lill-kuntrattur.

7.11. Il-Kunsillier Mario Borg talab li jkun jaf jistax jittiehed vot sigriet. Is-Sindku wiegeb li ma jistax jittiehed vot sigriet.

7.12. Il-Kunsillier Rosario Cortis ressaq mozzjoni sabiex ma jittiehidx vot f’ din il-laqgha minhabba li fl-opinjoni tieghu l-kundizzjoni dwar il-perijodu li ghalih ikun responsabli mit-tindif il-kuntrattur ma kienitx cara. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** il-Kunsilliera Mario Borg, Philip Said, George Cortis u Rosario Cortis

**Dawk Kontra;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Emanuel Agius u Joe Ciantar.

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni ma gietx approvata (67).

7.13. Il-Kunsillier Joe Ciantar ressaq mozzjoni sabiex ix-xoghol jinghata lill-kuntrattur Philip Seguna fuq il-bazi tal-argument li kien espona qabel. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Il-Kunsilliera Joe Ciantar, George Cortis, Philip Said

**Dawk Kontra;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Dominic Cutajar, il-Kunsillier Emanuel Agius

**Astensjonijiet;** Il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg u Rosario Cortis

Is-Sindku Alfred Grixti uza l-casting vote. Il-mozzjoni ma ghaddietx. (68)

7.14. Il-Kunsillier Duncan Bartolo ressaq mozzjoni sabiex ix-xoghol jinghata lill-kuntrattur Wilson Mifsud. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Emanuel Agius. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Dominic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo u Emanuel Agius

**Dawk Kontra;** Il-Kunsilliera Joe Ciantar, George Cortis, Rosario Cortis u Philip Said

**Astensjonijiet;** Il-Kunsillier Mario Borg

Is-Sindku Alfred Grixti uza l-casting vote. Il-mozzjoni giet approvata. (69)

## 8. MOZZJONI (KUNSILLIER ROSARIO CORTIS)

8.1. Il-Kunsillier Rosario Cortis mozzjoni dwar il-hrug ta' permessi fit-toroq, li taqra hekk;

**PERMESSI GHAL GHELUQ TA' TOROQ**

Skond l-Avviz Legali 119 ta' l-2002, kif emendat bl-Avvizi Legali 233 ta' l-2002, 37 ta' l-2004, 426 ta' l-2007, u 129 u 269 ta' l-2009; dwar attivitajiet li jinhtiegu permess mill-Kunsilll Lokali, bl-artiklu 8 (depozitu jew uzu ta' krejn jew makkinarju) kif emendat fl-Avviz Legali 37 ta' l-2004, u l-Avviz Legali 426 ta' l-2007; bis-sahha tas-Sub Artiklu (4) li halla ghad-diskrezzjoni tal-Kunsill Lokali jekk jingiebx gwardjan lokali biex jikkontrolla t-traffiku.

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug jaqbel u jafferma, li meta jinghata permess ghal gheluq ta' triq, minghajr il-bzonn ta' gwardjani lokali, dik il-persuna li jinhargilha tali permess tkun infurmata u tinzamm responsabbli, u li ghandha taghmel sinjali cari ghal devjazzjoni tat-traffiku

8.2. Il-mozzjoni giet emendata sabiex taqra hekk;

**PERMESSI GHAL GHELUQ TA' TOROQ**

Skond l-Avviz Legali 119 ta' l-2002, kif emendat bl-Avvizi Legali 233 ta' l-2002, 37 ta' l-2004, 426 ta' l-2007, u 129 u 269 ta' l-2009; dwar attivitajiet li jinhtiegu permess mill-Kunsilll Lokali, bl-artiklu 8 (depozitu jew uzu ta' krejn jew makkinarju) kif emendat fl-Avviz Legali 37 ta' l-2004, u l-Avviz Legali 426 ta' l-2007; bis-sahha tas-Sub Artiklu (4) li halla ghad-diskrezzjoni tal-Kunsill Lokali jekk jingiebx gwardjan lokali biex jikkontrolla t-traffiku.

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug jaqbel u jafferma, li meta jinghata permess ghal gheluq ta' triq, minghajr il-bzonn ta' gwardjani lokali, dik il-persuna li jinhargilha tali permess tkun infurmata u tinzamm responsabbli, u li ghandha taghmel sinjali cari ghal devjazzjoni tat-traffiku u tgharraf lir-residenti biex ikunu evitati inkonvenjenti. Ghal dan il-ghan isiru guidelines u policy biex jiggwidaw lill-Kunsilll Lokali ta' Haz-Zebbug f'liema cirkostanzi jkun mehtieg Gwardjan Lokali jew le.

8.3. Wara diskussjoni li saret kien hemm qbil li l-kunsillier Rosario Cortis u s-Segretarju Ezekuttiv jahdmu fuq draft policy li tigi mressqa lill-Kunsill.

## 9. HWEJJEG OHRA JEKK MEQJUSA IMPORTANTI

9.1. Il-Kunsillier Philip Said gibed l-attenzjoni ghal atti vandali li qeghdin isiru fil-bandli.

9.2. Il-Kunsillier George Cortis irringrazzja lill-Kunsill tal-bankina li saret fi Triq M.A. Sapiano. Huwa talab ukoll li jsir xi haga ghall-parkegg fuq il-bankina li jsir quddiem il-knisja tad-Duluri.

9.3. Il-Kunsillier George Cortis gibed l-attenzjoni dwar ix-xoghol li sar fuq il-fanali ta' quddiem it-12$^{th}$ May. Il-Kunsillier Cortis qal li milli ra fuq il-post it-trinka li saret kienet wahda ferm izghar u talab li jigi ccekjat dan ix-xoghol.

9.4. Il-Kunsillier Joe Ciantar informa lill-Kunsilliera li kienu se jerghu jibdew il-laqghat tal-anzjani.

9.5. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab ghal patching fiz-zona tal-Grazzja.

## 10. AGGORNAMENT

10.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Hamis 4 ta' Novembru fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-9.45pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |